# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum it-23 ta' Jannar 2020**

Appell numru 334 tal-2017

**Il-Pulizija**
**vs**
**Massimo SPITERI,**
**Saviour MUSCAT u**
**Carmen ZAMMIT**

Il-Qorti :

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar il-11 ta' Lulju 2017 fil-konfront ta' Massimo SPITERI, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 479181M, Saviour MUSCAT, detentur tal-karta tal-identita bin-numri 835153M, kif ukoll Carmen ZAMMIT, detentriċi tal-karta tal-identita bin-numri

562947M fejn ġew mixlija, talli matul ix-xahar ta' Marzu 2016 u fix-xhur u snin ta' qabel ġewwa l-lokalita tal-Marsa, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti, ikunu li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Liġi u li jkunu magħmula b'riżoluzzjoni waħda li b'nuqqas ta' ħsieb jew traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tagħhom jew nuqqas ta' tħaris tar-regolamenti, ikkaġunaw ħsarat strutturali fil-proprjeta magħrufa bħala "Samba Garage" u liema ħsara tammonta għal madwar erba' u għoxrin elf euro (€24,000) u li saru għad-detriment ta' Pierre Spiteri, Patrizia Spiteri, Vincent Zammit, Lucienne Spiteri, Raymond Spiteri u Maria Carmela Bonavia u dan bi ksur tal-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti ġiet ukoll mitluba biex fil-każ ta' ħtija minbarra li tapplika l-piena tordna lill-ħatja jħalsu l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

2. Permezz tas-sentenza aktar il-fuq imsemmija, dik il-Qorti iddeċidiet li wara li rat l-artikoli 18 u 328(d) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputati appellanti ħatja iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta illiberat lil kull wieħed minnhom bil-kundizzjoni li ma jwettaqx reat ieħor fi żmien sena. Il-Qorti kkonkludiet ukoll li ma kienx ġie soddisfaċentement ippruvat li l-ħsara involontarjament kaġunata kienet tammonta għal erba u għoxrin elf euro (€24,000). Il-Qorti ikkundannat lill-ħatja sabiex iħalsu s-somma ta' €807.52 rappreżentanti l-ispejjeż tal-espert nominat.

3. Permezz ta' rikors datat 21 ta' Lulju 2017, l-imputati interponew appell minn din is-sentenza fejn talbu lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza imsemmija u minflok li tillibera lill-imputati minn kull ħtija u piena, u dan għar-raġunijiet, li in suċċint, huma s-segwenti : -

   a. Li l-appellanti ma kienu kkawżaw ebda ħsara fid-data inkriminata u fix-xhur ta' qabel in kwantu x-xogħolijiet ta' tiswija kienu tlestew f'April 2015 u b'hekk l-ingress tal-ilma kien ilu li waqaf minn dakinhar.
   b. Li fi kwalunkwe każ l-imputati kemm il-darba kienu talbu lill-parte civile sabiex ikunu jistgħu jingħataw aċċess għall-garage in kwistjoni u kienu l-parte civile li baqgħu inadempjenti.
   c. Li l-Qorti setgħet tiddisturba l-apprezzament tal-provi li waslu lill-Qorti tal-Maġistrati ssib il-ħtija.

4. Rat l-atti kollha u semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet matul l-udjenza.

***Ikkunsidrat : -***

5. Illi mill-provi prodotti jirriżulta soddisfaċentement ippruvat li ġiet kaġunata ħsara lis-saqaf u lit-travi tal-konkos tas-Samba Garage u li kienu jikkonsistu f'sadid estiż tar-rinforz tal-ħadid u xpakkar tal-cover tal-konkos tal-istess rinforz. Il-kawża ta' din il-ħsara irriżultat li kienet minħabba ingress ta' ilmijiet mill-bitħa interna sovrastanti. Din il-ħsara kienet estensiva u kienet ilha sseħħ għal numru sostanzjali ta' snin. Mal-ħitan kien hemm sinjali ta' ċarċir ta' ilma. Il-provi wrew li l-ingress tal-ilment kien ikkawżat mill-katusi tal-appartamenti sovrastanti l-garage liema katusi kienu jagħtu għall-

bitħa interna li minnha jirriżulta li kien isir l-ingress tal-ilma fis-saqaf tal-garage.

6. Illi ġie wkoll soddisfaċentement ippruvat li dawn il-katusi kienu jagħtu għal proprjetajiet sovrastanti l-garages. Il-Qorti tal-Maġistrati ikkonkludiet li :

> dan ġie wkoll ammess mill-istess imputati li xehdu li hadu hsieb li jhallsu ghax-xogholijiet rimedjali. Kwindi kwalunkwe argument min-naha tad-difiza li ma giex ippruvat ta' min huwa l-bejt u l-katusi li kkawzaw id-dhul tal-ilma ma jregix u dan anki abbażi tax-xhieda tal-imputati stess. Irrizulta wkoll li dan l-ingress tal-ilma matul is-snin ikkawza hsarat strutturali fil-garaxx in kwistjoni.
> Illi mill-provi rriżulta li l-ingress tal-ilma kien ilu ghal diversi snin. Irrizulta wkoll li l-appartamenti inkwistjoni kien hemm nies ohra qabel l-imputati iżda dan ma jiskolpax lill-imputati odjerni. Lanqas il-fatt li l-imputati Massimo Spiteri u Saviour Muscat mhumiex proprjetarji tal-appartementi u dan billi huma jirrisjedu fihom.

7. Illi din il-Qorti rat li mill-atti jirriżulta pruvat soddisfaċentement li l-ingress tal-ilma kien ilu għal bosta snin u kien il-kumulu ta' dan l-ingress li wassal għal dik il-ħsara kollha fis-saqaf tas-*Samba Garage.* Ġie pruvat ukoll sal-grad tal-probabbli li tali ingress kien ilu sejjer għal ħafna snin qabel ma Massimo Spiteri u Saviour Muscat kienu bdew jirrisjedu f'uħud mill-fondi involuti.

8. Carmen Zammit li tixhed li kienet ilha tgħix f'wieħed mill-fondi rispettivi għal madwar erbgħin sena. Hija tixhed li hija kienet saret sidt il-flat numru 3 minn Novembru 2016. Iżda qabel kienet ilha tikri dan il-fond għal madwar erbgħin sena. Saviour Zammit jixhed li huwa kien jirrisjedi fil-flat numru 2 sa' mill-2009. Iżda jixhed li dan il-fond kien proprjeta ta' seħibtu Maria Dolores Mangion u mhux tiegħu. Doris Mangion xehdet a fol 129 fejn assumiet il-

proprjeta tal-flat numru 2, li tgħid li kienet ilha tgħix fih għal erbgħin sena. Massimo Spiteri jixhed li huwa kien jgħix fil-flat numru 1, u li dan kien proprejta ta' martu Margaret Spiteri nee Bonello, mixtri minnha parafernalment fil-11 t'April 2001 skont kuntratt eżebit a fol 128.

9. Dawn l-asserzjonijiet ta' Massimo Spiteri u Saviour Muscat huma msaħħa mill-kopji tal-ittri legali u uffiċjali eżebiti fl-atti. L-ittra legali datata 26 ta' Frar 2009 kienet miktuba mill-Avukat Malcolm Mifsud f'isem Cetta Bonello,[1] Doris Mangion u Carmen Zammit kif jidher minn fol 9. L-ittra uffiċjali magħmula fl-14 ta' Ġunju 2013, eżebita a fol 28 kontra l-parte civile kienet maħruġa f'isem Margaret Spiteri, Maria Dolores Mangion u Carmen Zammit. Ir-risposta għal din l-ittra uffiċjali, eżebita a fol 109, ġiet magħmula mill-parte civile u indirizzata lill-istess Margaret Spiteri, Maria Dolores Mangion u Carmen Zammit.

10. Anke x-xiehda ta' Oliver Mifsud a fol 112 tipprova li dan il-ħaddiem kien qala' l-katusi, madum, terrapien u naddaf kull m'hemm u għamel żbrixxatura fil-bitħa - li għalih kienet proprjeta ta' Cetta Bonello – fejn meta qala' kien sab it-torba mxarba u s-saqaf kien ftit imxarrab ukoll. Imbagħad huwa għamel il-membrane u żbuxlatura qisha rampa biex jilqa' għall-ilma tax-xita u biex dan ma jidħolx.

11. Il-Qorti tal-Maġistrati sabet lill-Massimo Spiteri u Saviour Muscat ħatja flimkien ma Carmen Zammit. L-argument kien li dawn kienu

[1] Li mill-kuntratt a fol 128 jirriżulta li hija omm Margaret Spiteri, sidt il-flat numru 1.

residenti fil-fond u anke jekk dawn ma kienux is-sidien tal-fondi rispettivi meta kien hemm l-ingress tal-ilma huma xorta waħda kienu residenti.

12. Illi kwantu għall-argument temporali, din il-Qorti taqbel mal-Qorti tal-Maġistrati li f'dan il-każ il-fatt tal-ingress tal-ilma kien fatt li kien baqa' għaddej sa April 2015 u b'hekk zgur li sa dak il-perjodu il-ħsara kienet baqgħet tiġi kawżata. Din il-Qorti ma tistax taqbel mad-Difiża li dan kien każ fejn l-azzjoni penali kienet preskritta jew li l-lokuzzjoni tal-imputazzjonijiet setgħu jippreġudikaw id-drittijiet tal-imputati kwantu għall-preskrizzjoni tal-azzjoni. L-artikolu 328(d) tal-Kodiċi Kriminali jippreskrivi l-piena ta' priġunerija mhux iżjed minn tliet xhur, jew il-multa jew il-pieni applikabbli għall-kontravvenzjonijiet skont il-każ. Il-perjodu inkriminat jaqa' fil-parametri temporali stabbiliti mill-artikolu 688(e) tal-Kodiċi Kriminali.

13. Saviour Muscat jixhed li kien ilu jgħix fil-flat 2 sa mill-2009 u seħibtu Maria Dolores Mangion tixhed li kienet ilha toqgħod f'dan il-flat għal madwar erbgħin sena. Massimo Spiteri jixhed li kien ilu jgħix fi flat 1 sa minn meta zzewweġ lil Margaret Spiteri nee Bonello fl-2008. Mill-att pubbliku eżebit minnu aktar il-fuq imsemmi jirriżulta li martu kienet xtrat dan il-fond fil-11 t'April 2001. Carmen Zammit mill-banda l-oħra xehdet li kienet ilha toqgħod fil-flat numru 3 għal madwar erbgħin sena għalkemm kienet saret sid tiegħu f'Novembru 2016. Dan juri li għalkemm l-ingress tal-ilma mill-katusi mill-fondi ta' Carmen Zammit u Maria Dolores sive Doris

Mangion għall-bitħa tal-fond ta' Margaret Spiteri għal ġos-saqaf tas-*Samba Garage* setgħa waqaf wara April 2015, dan żgur li kien baqgħa għaddej fix-xhur u snin ta' qabel din id-data. F'dan il-każ il-Prosekuzzjoni addebitat ir-reat kontinwat u b'hekk anke jekk allura, gratia argomenti, wieħed kellu jieħu l-qies tal-preskrizzjoni mill-jum li fih issir l-aħħar ksur tal-Liġi, jiġifieri April 2015, xorta waħda l-azzjoni penali f'dan il-każ tkun salvata.

14. F'dan il-każ pero jibqa' l-fatt li l-Prosekuzzjoni għażlet li tixli lill-imputati li fiż-żmien rilvenati għal dan il-każ ma kienux is-sidien tal-appartamenti rispettivi iżda kwantu għall-imputati Spiteri u Muscat kienu jabitaw fil-fondi proprjeta parafernali tan-nisa tagħhom filwaqt li l-imputata Zammit kienet tokkupa l-flat numru 3 b'titolu ta' kera. Il-Qorti tal-Maġistrati żammithom responsabbli xorta waħda in kwantu argumentat li l-Liġi ma teħtieġ prova ta' proprjeta għabiex dan ir-reat ikun jista' jiġi integrat.

15. Hawnhekk din il-Qorti taqbel li in via di massima, biex dan ir-reat jiġi integrat mhux meħtieġ li ssir prova tal-proprjeta. Iżda mill-banda l-oħra, ir-reat ta' ħsara involontarja huwa wieħed partikolarissimu li jippresta lilu nnifsu għal diversi xenarji fattwali u ġuridiċi li xi drabi joffru ċertu komplessita. Hekk per eżempju l-Pessina,[2] jikteb dwar l-artikolu 450 tal-*Codice per le Regno delle Due Sicilie*, u jtenni li infine *il danno puo' essere anche involontario ed in caso di colpa esso costitusce un reato*. Dan jgħid li :

---

[2] ***Trattato di Penalita Speciale secondo le Leggi Delle Due Sicilie*** – Errico Pessina, Napoli, 1859, pagina 96.

qualunque guasto danno o deterioramento alle proprieta altrui commesso per disaccortezza imprudenza disattenzione o inosservanza dei regolamenti e punito con ammenda correzionale, a cui il giudice secondo la gravezza della colpa puo' aggiungere la pena del 1 o 2 grado di prigionia.

16. L-Arabia,[3] jgħid li din id-disposizzjoni :

> Quest'incendio, o danno qualunque, differisce da precedenti nell'essere semplicemente colposo. – Notiamo che se l'inquilino o possessore non sia in obbligo di riparare alle vetusta' o alla politura de' forni ec. e ne abbia avvisato il proprietario, non si applicherebbe l'art. perche non essendovi obbligo, non puo' esservi colpa di non aver riparato o nettato.

17. Illi din il-loġika ġuridika trid tinftiehem in kwantu hawnhekk trattasi ta' responsabbilita' kriminali u mhux civili li tiskatta. Fil-fatt kemm dan ir-reat huwa konfinanti r-relm ċivili huwa muri mill-fatt li diversi Kodiċijiet Taljani oħra tas-seklu dsatax u preċedenti ma kienux jammettu l-ħsara involontarja bħala reat *ad hoc*, iżda bħala fatt li jista' jagħti lok, f'ċerti każi, għal responsabbilita akwiljana.

18. Hekk per eżempju il Carmignani,[4] jgħid li meta d-dannu ma jkunx rekat dolożament, iżda b'mod kolpuż, wieħed ikun irid jipproċedi jew ċivilment bis-saħħa tal-*lex aquilia* jew inkella *colla cosi detta azione mista pel doppio, o pel quadruplo, secondo che il danno sia stato o di giorno o di notte inferito*. Anke l-Buonfanti,[5] li jikteb fuq il-Liġijiet Toscani, jgħid li *Ad esempio delle leggi romane, contro il danno dato semplice colposo non e' concessa presso di noi che l'azione civile*.

---

[3] ***I Principi del Diritto Penale Applicati al Codice Delle Due Sicilie*** – Francesco Sav. Arabia, Seconda edizione, Napoli, 1859, pagna 855.
[4] ***Elementi di Diritto Criminale Dell'Avvocato Giovanni Carmignani*** – Prima Versione Italiana del Professor Caruana Dingli, Napoli, 1854, pagina 349.
[5] ***Manuale Teorico-Pratico di Diritto Penale*** – J. Buonfanti, Pisa, 1849, pagina 84.

19. B'hekk skont l-Arabia, jekk l-inkwilin jew il-possessur ta' fond **ma jkollux l-obbligu** li jagħmel ir-riparazzjonijiet għall-fond u jkun avża lill-proprjetarju, din ir-responsabbilta' ta' dannu kolpuż ma tkunx tapplika għalih in kwantu ladarba ma jkunx hemm l-obbligu l-anqas jista' jkun hemm il-ħtija li huwa ma jkunx għamel ir-riparazzjonijiet meħtieġa. Naturalment il-posizzjoni *civiliter* tibqa' impreġudikata.

20. In vista ta' din il-posizzjoni dottrinali, din il-Qorti rat li ġie pruvat sal-grad tal-probabbli, li Massimo SPITERI u Saviour MUSCAT ma kienux il-proprjetarji tal-fondi li fihom kienu għamlu żmien jgħixu jew li kellhom xi rapport versu terzi relattivament għall-obbligi ta' spejjeż ta' manutenzjoni u riparazzjoni. Semmai dawn l-obbligi versu terzi kienu inkombenti fuq in-nisa rispettivi tagħhom, li kienu l-proprjetarji tal-fondi in kwistjoni, inkluż is-servizzi li minħabba n-nuqqas tal-manutenzjoni tagħhom ġie rekat id-dannu.

21. Mill-banda l-oħra il-posizzjoni ta' Carmen ZAMMIT hija differenti in kwantu hija kienet inkwilina tal-fond in kwistjoni u l-obbligi tal-muntenzjoni ordinarja f'dak iż-żmien kien jinkombi fuqha. Fil-każ ta' ħsarat li jsiru lil servizzi hija kienet obbligata li tinterpella lis-sid sabiex dan ikun jista' jagħmel ix-xogħolijiet meħtieġa. Dan ma jirriżultax li sar, u dan b'dannu għall-parte civile. Il-konsiderazzjonijiet magħmula mill-Qorti tal-Maġistrati fir-rigward tal-omissjoni da parti tagħha li tkun pro-attiva u tirrikorri għal proċeduri legali biex teżimi ruħha minn kull responsabbilta japplikaw fil-konfront tagħha.

# *Deċide*

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell ta' Massimo SPITERI u Saviour MUSCAT, tħassar is-sentenza appellata mogħtija kontra tagħhom, tiddikjarahom mhux ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom u tilliberhom minn kull ħtija u piena.
Fil-kontemp, il-Qorti tiċħad l-appell ta' Carmen Zammit u tikkonferma s-sentenza appellata fil-konfront tagħha.

Din is-sentenza tħalli l-jeddijiet ċivili tal-parte civile kontra l-partijiet kompetenti impreġudikati.

***Aaron M. Bugeja***
***Imħallef***